



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Marzu 2021
(OR. en)

7301/21

SOC 154
EMPL 110
ECOFIN 273
EDUC 98

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: ST 6240/1/21 REV 1	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2021 (8 ta' Marzu)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2021, kif approvati bi proċedura bil-miktub fit-8 ta' Marzu 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2021

1. FILWAQT LI JINNOTA li l-pandemija tal-COVID-19 reġgħet lura xejra pożittiva ta' sitt snin fit-tkabbir fl-impjiegi u affettwat b'mod aħrax l-eżiti tas-suq tax-xogħol fl-UE. Dan mistenni jżid il-faqar, japprofondixxi l-inugwaljanzi u jfixkel il-koeżjoni soċjali. Ħaddiema f'forom mhux standard ta' impjieg, bħal impjegati temporanji, kif ukoll żgħażaġh, persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni, ħaddiema fis-setturi tal-ospitalità, it-turiżmu, il-kultura u d-divertiment, u xi attivitajiet professjonali, intlaqtu b'mod sproporzjonat.
2. FILWAQT LI JILQA' r-rispons rapidu u deċiżiv fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE, b'mod partikolari l-mobilizzazzjoni ta' finanzjament sinifikanti għal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri oħrajn imfassla biex iħarsu l-impjiegi u jillimitaw it-telf ta' introjtu. FILWAQT LI JENFASSIZZA l-kontribut tal-istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE). FILWAQT LI JILQA' kemm l-involvement attiv tas-sħab soċjali f'dan il-kuntest u l-isforzi mwettqa mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jappoġġaw lill-persuni l-aktar vulnerabbli.
3. FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu dwar l-aspetti tal-impjiegi u soċjali tal-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2021 u b'mod partikolari li s-Semestru Ewropew jibqa' għodda ta' koordinazzjoni effettiva biex tiġi żgurata l-koerenza fl-aġendi ta' riforma tal-Istati Membri, u li l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandu jkompli jservi ta' boxxla għal konverġenza 'l fuq favur kundizzjonijiet tax-xogħol u għajxien aħjar fl-Ewropa, u jiggwida l-koordinazzjoni tal-politiki soċjali u tal-impjiegi fil-livell tal-UE, b'attenzjoni xierqa għall-kompetenzi rispettivi.
4. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ser tipprovdi appoġġ finanzjarju fuq skala kbira għar-riformi u l-investimenti bil-għan li jappoġġaw il-ħolqien tal-impjiegi u jagħmlu l-ekonomiji, is-soċjetajiet u s-sistemi tas-saħħa tal-UE aktar reżiljenti u mħejjija aħjar għat-tranżizzjonijiet tewmin ekoloġiċi u diġitali, biex b'hekk jagħtu spinta lill-investiment fil-persuni u jaċċelleraw l-irkupru ekonomiku u soċjali.

5. FILWAQT LI JENFASSIZZA li r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2021, li jwettaq monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u jippreżenta r-riżultati mit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali li takkumpanja lill-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jista' jgħin lill-Istati Membri jidentifikaw oqsma ta' prijarità rilevanti għar-riformi u l-investiment, anke bil-ħsieb ta' appoġġ mill-finanzjament tal-UE, inkluż il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
6. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-adozzjoni rapida tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri oħrajn imfassla biex iħarsu l-impjiegi, flimkien ma' tnaqqis fir-rati ta' attività, illimitat iż-żieda fir-rata tal-qgħad mindu faqqgħet il-pandemija. FILWAQT LI JENFASIZZA li l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili għandhom jibqgħu fis-seħħ sakemm meħtieġa. FILWAQT LI JENFASSIZZA li, malli l-kundizzjonijiet jippermettu, il-politiki għandhom jappoġġaw ir-riallokazzjoni tal-ħaddiema (pereżempju permezz ta' skemi ta' titjib tal-ħiliet/taħriġ mill-ġdid u inċentivi għar-reklutaġġ imfassla sew), b'mod partikolari lejn l-ekonomija ekoloġika u diġitali, waqt li jiġu mħarsa l-ħaddiema matul it-tranżizzjonijiet. FILWAQT LI JINNOTA li l-ġhoti ta' benefiċċji tal-qgħad adegwati għal tul ta' żmien raġonevoli u aċċessibbli għall-persuni qiegħda kollha, inkluż persuni preċedentement impjegati b'kuntratti mhux standard, huwa kruċjali biex il-persuni li jkunu qed ifittxu impjieg jingħataw appoġġ matul it-tranżizzjonijiet.
7. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li politiki attivi tas-suq tax-xogħol effettivi huma essenzjali biex jiġi appoġġat irkupru ġust u effettiv. FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza tar-riformi u l-investiment fil-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u s-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi biex tingħata assistenza individwalizzata effettiva lill-persuni li jkunu qed ifittxu impjieg, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet diġitali u billi dan il-appoġġ jiġi kkombinat mas-servizzi soċjali u tas-saħħa.
8. FILWAQT LI JINNOTA li l-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt sproporzjonat fuq gruppi vulnerabbli, inkluż minħabba d-diskrepanza fil-ħiliet diġitali. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li politiki mmirati tas-suq tax-xogħol, inklużjoni attiva u miżuri fir-rigward tal-edukazzjoni u t-taħriġ jistgħu iħarsu u jtejbu s-sitwazzjoni tal-aktar vulnerabbli.

9. FILWAQT LI JENFASSIZZA ż-żieda qawwija fil-qgħad fost iż-żgħażaġh u l-għadd ta' żgħażaġh barra mill-impjieg, u lanqas fl-edukazzjoni jew it-taħriġ, li x'aktarx ikollha impatt fit-tul fuq il-prospetti tagħhom fis-suq tax-xogħol. FILWAQT LI JENFASIZZA li dan ikun jeħtieġ li jiżdiedu r-riformi u l-investment fis-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, kif ukoll politiki attivi tas-suq tax-xogħol u sistemi edukattivi u tat-taħriġ, bil-ħsieb li jiġu pprovduti risponsi ta' politika integrati għaż-żgħażaġh u tingħata spinta lill-ħiliet tagħhom, inkluż billi jiġi appoġġat il-forniment ta' apprendistati u traineeships ta' kwalità. FILWAQT LI JIRRIKONNOXXI li l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill "Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ" tista' tagħti kontribut importanti biex jiżdied l-appoġġ komprensiv disponibbli għaż-żgħażaġh fir-rigward tal-impjiegi.
10. FILWAQT LI JINNOTA li l-eliminazzjoni tad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi u fil-pagi teħtieġ aktar sforzi, bil-kriżi tal-COVID-19 li kompliet taggrava r-riskji għan-nisa f'setturi u okkupazzjonijiet b'pagi aktar baxxi. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li, f'dan ir-rigward, il-parteeipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol tista' tiżdied permezz ta' riformi u investment, b'mod partikolari fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, servizzi ta' kura fit-tul, politiki dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u t-trasparenza fir-rigward tal-pagi, u aġġustamenti fis-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji, imfassla biex jindirizzaw id-diżinċentivi għall-parteeipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol.
11. FILWAQT LI JENFASIZZA li l-prevenzjoni ta' relazzjonijiet ta' impjieg li jwasslu għal kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji u l-għoti ta' inċentivi adatti għar-reklutaġġ b'kuntratti permanenti, filwaqt li jiġu promossi pagi minimi adegwati u aċċess għall-protezzjoni soċjali, huma essenzjali biex titnaqqas is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, jiġu promossi kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u jiġi indirizzat il-faqar fost min għandu xogħol. FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza tal-investment f'ambjenti tax-xogħol sikuri u adattati tajjeb u arranġamenti tax-xogħol flessibbli li jappoġġaw lill-ħaddiema u jiskoraġġixxu x-xogħol mhux iddikjarat, speċjalment fid-dawl tal-kriżi.

12. FILWAQT LI JIRRIKONOXI li l-konsultazzjoni tas-sħab soċjali fir-rispons għall-kriżi baqgħet b'saħħitha f'dawk l-Istati Membri li diġà kellhom strutturi żviluppati tajjeb għad-djalogu soċjali, filwaqt li fi Stati Membri oħra l-kriżi aggravat l-involvement diġà limitat tas-sħab soċjali qabel l-emerġenza tas-saħħa. FILWAQT LI JENFASIZZA li d-djalogu soċjali u l-involvement tas-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għal risponsi ta' politika effettivi u rkupru ekonomiku.
13. FILWAQT LI JIRRIKONOXI li l-parteċipazzjoni baxxa fl-edukazzjoni u t-taħriġ u eżiti edukattivi inferjuri fost it-tfal u ż-żgħażaġ minn gruppi soċjoekonomiċi żvantaġġati jibqgħu sfidi sinifikanti, b'impatti possibbli fit-tul fuq il-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà, l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-prospetti tal-karriera. FILWAQT LI JINNOTA li apprendiment mill-bogħod introdott waqt il-lockdowns seta' aggrava dawn l-iżvantaġġi. FILWAQT LI JENFASIZZA li l-iskarsezza ta' persunal b'ħiliet hija ostaklu ewlieni għall-investment għad-ditti, u li l-adulti bi kwalifiki aktar baxxi jipparteċipaw ferm inqas fl-apprendiment, għalkemm huma l-aktar li jeħtiġuh. FILWAQT LI JINNOTA n-nuqqasijiet persistenti fil-ħiliet diġitali avvanzati, b'mod partikolari fost in-nisa. FILWAQT LI JENFASIZZA li t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, b'mod partikolari fil-ħiliet diġitali u ekoloġiċi, inkluż għall-għalliema u l-ħarrieġa, flimkien ma' riformi u investimenti biex jittejjeb l-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ u jitnaqqsu l-inugwaljanzi fl-edukazzjoni, huma prerekwiżiti għall-appoġġ tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi u għat-trawwim ta' tkabbir inklużiv u sostenibbli.
14. FILWAQT LI JINNOTA li t-tnaqqis fir-rati tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali kompli fl-2019, għalkemm aktar bil-mod milli fis-snin preċedenti. FILWAQT LI JIRRIKONOXI li l-kriżi tal-COVID-19, biż-żieda mistennija assoċjata fil-qgħad u fl-inattività, x'aktarx li jkollha impatt negattiv fuq ir-rata tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali.

15. FILWAQT LI JENFASIZZA li l-protezzjoni tal-introjtu minimu, akkumpanjata minn servizzi ta' attivazzjoni u ta' abilitazzjoni, taqdi rwol vitali fil-mitigazzjoni tar-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali f'din il-kriżi u b'hekk tappoġġa lil dawk l-aktar żvantaġġati fis-soċjetà, kemm issa kif ukoll fil-futur. FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-lakuni eżistenti fl-aċċessibbiltà, l-adegwatezza u l-forniment ta' servizzi abilitanti f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-protezzjoni tal-introjtu minimu għall-ġlied kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fil-pandemija tal-COVID-19 u lil hinn minnha.
16. FILWAQT LI JENFASIZZA li l-inugwaljanza fl-introjtu tibqa' sfida ewlenija madwar l-UE. FILWAQT LI JINNOTA li, f'dawn l-aħħar snin, l-inugwaljanza fl-introjtu żdiedet aktar fil-parti inferjuri tad-distribuzzjoni tal-introjtu milli fil-parti superjuri. FILWAQT LI JENFASIZZA li, minkejja l-miżuri meħuda, l-inugwaljanza, fil-forom kollha tagħha, x'aktarx li tmur għall-aġar bħala konsegwenza tal-kriżi. FILWAQT LI JENFASIZZA li l-indirizzar tal-inugwaljanzi fl-introjtu jeħtieġ riformi f'oqsma differenti ta' politika, inkluż it-tfassil tas-sistemi ta' taxxa u benefiċċji, il-mekkaniżmi għall-iffissar tal-pagi, l-inklużività fl-educazzjoni u t-taħriġ (sa minn età bikrija), u l-aċċess għal servizzi affordabbli u ta' kwalità għal kulħadd. FILWAQT LI JFAKKAR li r-riformi tal-politika għandhom ikunu akkumpanjati minn fokus aktar b'saħħtu fuq il-valutazzjoni tal-effetti distributtivi, inkluż fir-rigward ta' politiki li jappoġġaw it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.
17. FILWAQT LI JENFASIZZA li l-kriżi mistennija taffettwa b'mod sproporzjonat ċerti gruppi vulnerabbli, b'mod partikolari tfal, persuni b'diżabbiltà, anzjani u persuni li ġejjin minn kuntast ta' migrazzjoni. FILWAQT LI JFAKKAR fl-inċidenza persistentement għolja ta' faqar jew esklużjoni soċjali fost it-tfal madwar l-UE. FILWAQT LI JENFASIZZA li l-ġhotti ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal, akkomodazzjoni u kura tas-saħħa huma fatturi ewlenin fil-prevenzjoni u l-indirizzar tal-faqar u l-promozzjoni tal-benesseri tat-tfal. FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtieġa ta' edukazzjoni inklużiva, aċċess għall-kura tas-saħħa u politiki inklużivi tas-suq tax-xogħol li huma adattati b'mod xieraq għall-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabbiltà. FILWAQT LI JENFASIZZA li l-integrazzjoni ta' persuni li ġejjin minn kuntast ta' migrazzjoni u refuġjati teħtieġ approċċ integrat, li jorbot it-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet mal-opportunitajiet ta' xogħol u l-aċċess għas-servizzi, b'mod partikolari l-appoġġ soċjali, il-kura tas-saħħa u l-akkomodazzjoni.

18. FILWAQT LI JIRRIKONOXI l-impatt qawwi tal-kriżi fuq il-persuni mingħajr dar u dawk li qed jiffaċċjaw l-esklużjoni mill-akkomodazzjoni. FILWAQT LI JFAKKAR li l-approċċi integrati li jinkludu l-prevenzjoni, l-aċċess rapidu għal akkomodazzjoni permanenti, jew l-appoġġ għall-akkomodazzjoni, u l-ġoti ta' servizzi ta' appoġġ abilitanti għandhom jiġu kkombinati ma' investimenti fl-akkomodazzjoni residenzjali u soċjali biex tiġi indirizzata b'mod adegwat l-isfida tal-fenomeni tal-persuni mingħajr dar u l-esklużjoni mill-akkomodazzjoni.
19. FILWAQT LI JIRRIKONOXI l-isfidi ppreżentati mill-kriżi attwali għas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċità tagħhom li jiżguraw introjtu adegwat u aċċess għal servizzi affordabbli u ta' kwalità għal dawk kollha fil-bżonn. FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtieġa li tkompli tittejjeb il-protezzjoni soċjali ta' dawk li jaħdmu għal rashom u tal-ħaddiema mhux standard, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali.
20. FILWAQT LI JIRRIKONOXI li l-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat il-ħtieġa li jissaħħu s-sistemi tal-kura tas-saħħa, jitjiebu l-effettività u r-reżiljenza tagħhom, u jiġi żgurat aċċess għal kura tas-saħħa adegwata. FILWAQT LI JINNOTA li huma meħtieġa aktar investimenti f'forza tax-xogħol imħarrġa sew, fit-titjib tal-koordinazzjoni bejn il-kura fl-isptar, il-kura għall-pazjenti ta' barra u dik primarja, kif ukoll fil-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard biex is-sistemi tal-kura tas-saħħa jsiru aktar reżiljenti għall-emerġenzi tas-saħħa u biex jitnaqqsu l-eżiti tal-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa.
21. FILWAQT LI JIRRIKONOXI li l-pandemija tal-COVID-19 uriet ukoll il-ħtieġa li tiżdied ir-reżiljenza tas-sistemi tal-kura fit-tul. FILWAQT LI JIRRIKONOXI li l-aċċess għal kura fit-tul adegwata, affordabbli u ta' kwalità - b'mod partikolari l-kura fid-djar u s-servizzi komunitarji, flimkien ma' appoġġ għal dawk li jindukraw b'mod informali u miżuri preventivi biex titnaqqas id-domanda għal kura fit-tul - għandu jkun prijorità fid-dawl tal-popolazzjoni li qed tixjiegħ fl-Ewropa, il-ħtieġa li tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-ħtieġa li jiġu miġġielda n-nuqqasijiet fl-ġoti ta' kura li l-kriżi ħarġet fid-deher.

22. FILWAQT LI JINNOTA li, fid-dawl tat-tibdil demografiku, ir-riformi tal-pensjonijiet, bil-għan li jtejbu l-adeqwatezza, is-sostenibbiltà u l-inklużività tas-sistemi tal-pensjonijiet, għandhom ikomplu. FILWAQT LI JENFASIZZA li dawn ir-riformi għandhom jiġu appoġġati minn strateġiji għat-tixjiħ attiv u miżuri oħra li jippromwovu haġja tax-xogħol itwal, u minn politiki li għandhom l-għan li jnaqqsu d-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet u d-differenza fil-pensjonijiet għall-ħaddiema f'forom mhux standard ta' impjeg.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

23. JAPPELLA lill-Istati Membri – f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi nazzjonali u b'rispett għar-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali – biex jieħdu azzjoni biex jindirizzaw l-isfidi fir-rigward tal-impjegi, il-ħiliet u l-politika soċjali identifikati fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjegi 2021, u bil-ħsieb ta' appoġġ possibbli mir-riżorsi tal-UE, inkluż il-finanzjament taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza l-ġdida u l-politika ta' koeżjoni.
24. JAPPELLA lill-Istati Membri biex jużaw l-evidenza minn għodod ta' monitoraġġ maqbula, bħat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjegi, u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali, kif ukoll oqfsa ta' valutazzjoni komparattiva, biex jiggwidaw ir-riformi u l-investment tagħhom, u biex ikomplu l-isforzi lejn konverġenza akbar.
25. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-kwistjonijiet tal-impjegi u soċjali jiġu kkunsidrati b'mod xieraq fil-valutazzjoni tal-politiki tal-UE u tal-Istati Membri, b'mod partikolari fil-kuntest tas-Semestru Ewropew adattat tal-2021 u l-Pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
26. Jappella lill-Kummissjoni biex tikkollabora mal-Kumitat tal-Impjegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni tagħha li jmiss dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ukoll bil-ħsieb li b'mod konġunt jiġu żviluppati l-miri ewlenin tal-UE, u jiġu aġġornati l-għodod ta' monitoraġġ, b'mod partikolari t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, sabiex jiġi żgurat qafas strateġiku ambizzjuż għall-politiki tal-impjegi u soċjali għad-deċennju li ġej.